*- MANDAT TA' INIBIZZJONI –*

*Art 874 tal-Kap 12*

*Fraudulent Trading*

*Responsabbilita` tad-Diretturi*

*Talba kontra d-Diretturi personalment*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum il-Erbgha, 30 ta' Marzu 2016.

## Rikors Numru: 312/2016/LSO

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 312/2016/LSO fl-ismijiet:-**

**Joseph Fenech Soler (ID683649M), f'ismu**

**proprju u ghan nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Blues Limited (C 27393)**

**Vs**

**1. Chef Xpress Limited (C 48810) ta' 73, Triq is-Sajjieda, Marsa;**

**2. Orlando Attard (I.D.269481M), iben il-mejtin Anthony Attard u Maria Theresa nee' Genovese, imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Mejju 1981 u residenti 19, St. Joseph, *Flat* 2, Triq San Albert, Gzira, u Deborah Mifsud Attard (I.D. 477274 M), bint il-mejtin Anthony Attard u Maria Theresa nee' Genovese, imwielda San Giljan nhar il-15 t'Ottubru 1974 u residenti 63, Saga, Triq iz-Znuber, Attard, f'isimhom proprju u bhala l-eredi universali ta'**

**Anthony Attard (I.D.579445M) u Maria Teresa Attard (I.D.378053M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti Joseph Fenech Soler *proprio et nomine* datat l-1 ta' Marzu 2016 fejn inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament minn Joseph Fenech Soler illi :

L-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddiponi *inter vivos* sew b' titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, u b' mod partikolari:

Dik il-proprjeta' indikata fid-dokument anness bhala "**DOK: AS 1**".

**DOK: AS 1**
Dik il-proprjeta' akkwistata **mill-intimati f'sehem indaqs bejniethom** permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni tas-27 ta'

Gunju 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Ivan Barbara (**DOK: JFS 1**), u cjoe':

1. **In-nofs indiviz (1/2)** tas-sub-dirett dominju temporanju u s-sub-cens annwu u temporanju relattiv tat-terran bin-numru ufficjali 73, Fishermen Street, il-Marsa, **liema fond hu mikri lil terzi persuni**, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet, giustijiet u l-pertinenzi kollha tieghu;

2. **In-nofs indiviz (1/2)** tal-fond bin-numru ufficjali 74, Fishermen Street, il-Marsa, liberu u frank, bid-drittijiet, giustijiet u l-pertinenzi kollha tieghu;

3. **Il-kwart indiviz (1/4)** tal-blokk bini bin-numru 19, bl-isem ta' "Saint Joseph *Flats*", - eskluz l-appartament numru tnejn, li huwa ipotekat favur terzi permezz ta' ipoteki H 3103/2010, H 3104/2010 u H 3108/2010 - f'Saint Albert Street, Gzira, liema blokk jikkonsisti f'*garage* fil-livell tat-triq, zewg appartamenti sovrastanti ghal dan il-*garage*, kif ukoll l-arja libera ta' l-istess blokk, **liema proprjetajiet jinsabu lkoll mikrija lil terzi persuni**, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu relattiv, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet giustijiet, u l-pertinenzi kollha tieghu;

4**.** **Il-kwart indiviz (1/4)** tad-dirett dominju temporanju u c-cens annwu u temporanju relattiv ghaz-zmien li fadal minn 21 sena dekorribbli mill-25 ta' Ottubru 1993, u wara il-proprjeta' assoluta, tat-terran minghajr l-arja tieghu, markat ufficjalment bin-numru 32, bl-isem "Melita House", f'Gianni

Bencini Street, qabel Rudolph Junction, Sliema, gja Gzira, **mikri lil terzi persuni**, bhala soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu relattiv, mill-bqija liberu u frank bid-drittijiet, giustijiet u l-pertinenzi tieghu kollha;

5. **Il-kwart indiviz (1/4)** tad-dirett dominju temporanju u c-cens annwu u temporanju relattiv ghaz-zmien li fadal minn 21 sena dekorribbli mit-22 ta' Ottubru 1992, u wara il-proprjeta' assoluta, ta' l-appartament immarkat bin-numru 1, sottopost ghall-*flat* numru 2, bl-arja libera tieghu, formanti parti minn blokk ta' zewg *flats*, liema blokk huwa ufficjalment markat bin-numru 34, bl-isem ta' "Saint George's Flats", f'Gianni Bencini Street, qabel Rudolph Junction, Sliema, gja Gzira, **mikri lil terzi persuni**, bhala soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu relattiv, bil-komunjoni ta' l-entrata, tarag, u indani mas-sidien tal-*flat* l-iehor numru 2, fl-imsemmi blokk, bid-drittijiet, giustijiet u l-pertinenzi tieghu kollha;

6. **Il-kwart indiviz (1/4)** tat-terran immarkat ufficjalment bin-numru 14, fi Triq Manwel Buhagiar, Hal Tarxien, sottopost ghall-proprjeta' ta' terzi, liberu u frank, bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tieghu, **kif prezentement mikri lil terzi persuni;**

7. **Il-fond** immarkat ufficjalment bin-numru 75, bl-isem "Banister", fi Triq is-Sajjieda, il-Marsa, inkluza l-arja tieghu, bhala soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu

relattiv, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tieghu;

8. **Il-fond** markat ufficjalment bin-numru 76, bl-isem "Sutton", fi Triq is-Sajjieda, il-Marsa, inkluza l-arja tieghu, bhala soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu relattiv, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tieghu;

9. **Is-sehem ta' zewg partijiet indivizi minn tlieta (2/3)** tal-mahzen immarkat ufficjalment bin-numru 24, f'Lighters Wharf, il-Marsa, bl-arja tieghu, liberu u frank, bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tieghu;

Dik il-proprjeta' akkwistata **mill-intimati f'sehem indaqs bejniethom** mill-wirt tad-defunta Rita Mula premezz ta' kuntratt ta' immissjoni fil-pussess tas-27 t'April 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Ivan Barbara (**DOK: JFS 2**), u cjoe':

10. **Il-mezzanin** bin-numru ufficjali 21, fi Triq Fra Diegu, il-Marsa, bl-arja libera tieghu, kif soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu relattiv, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tieghu, **mikri lil terzi persuni;**

11. **It-terran** bin-numru ufficjali 23, fi Triq Fra Diegu, il-Marsa, sottopost ghall-mezzanin numru 21, kif soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu relattiv, mill-

bqija liberu u frank, bid-drttijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tieghu;

12. **Il-kamra** bin-numru ufficjali 25, fi Triq Fra Diegu, il-Marsa, sottoposta ghall-mezzanin numru 23, kif soggetta ghar-rata taghha ta' cens annwu u perpetwu relattiv, mill-bqija libera u franka, bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha taghha;

13. **It-terran** bin-numru ufficjali 27, fi Triq Fra Diegu, il-Marsa, sottopost ghall-mezzanin numru 25, kif soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu relattiv, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tieghu, **kif mikri lil terzi persuni;**

14. **Il-mezzanin** bin-numru ufficjali 29, fi Triq Fra Diegu, il-Marsa, sovvrapost ghat-terran numru 27, bl-arja libera tieghu, kif soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu relattiv, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tieghu, **kif mikri lil terzi persuni;**

15. **Il-fond** bin-numru ufficjali 2 u 3, fi Triq San Lawrenz, iz-Zejtun, bl-arja libera tieghu, kif soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu relattiv, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tieghu, **kif mikri lil terzi persuni.**

Dik il-proprjeta' akkwistata **mill-intimat Orlando Attard** permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anne Marie Tonna tal-4 ta' Gunju 2015 (**DOK: JFS 3**), u cjoe':

16. **L-appartament** internament immarkat bin-numru 7, formanti parti minn blokk bini ufficjalment immarkat bin-numru 214, gja' bin-numru 147, Eros Apartments, fi Triq Sant' Antnin, Bugibba, kompriz d-dritt ta' uzu in komun mas-sidien l-ohra ta' l-appartamenti u *penthouses* fl-imsemmi blokk bini, tal-partijiet kollha intizi ghall-uzu komuni, inkluz izda mhux limitati ghall-bieb ta' barra, entrata, entratura, indani, tarag, *lift* u *lift shafts*, ix-*shafts* u sistema ta' *drains*, u ta' drenagg, pero' eskluz il-bejt;

17. **Il-*one-car garage*** internament immarkat bin-numru 4, f'*basement level*, formanti parti minn blokk bini ufficjalment immarkat bin-numru 214, gja' bin-numru 147, accessibbli minn entratura / *drive-in* privata li taghti fuq Triq Sant' Antnin, Bugibba, inkluz nofs indiviz tal-parti indikata bl-ittra B fil-pjanta annessa ma' l-att u mmarkata P3, u inkluz l-uzu tal-partijiet intizi ghall-uzu komuni, flimkien mal-*garages* l-ohra, bhar-rampa u *drive-in*.

Dik il-proprjeta' akkwistata **mill-intimata Deborah Mifsud Attard** permezz ta' kuntratt tat-13 ta' Lulju 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello DuPuis (**DOK: JFS 4**), u permezz ta' kuntratt tat-12 t'April 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia (**DOK: JFS 5**), u cjoe':

18. Il-**bokka ta' tarag** enumerata 7, Block A, fi triq gdida minghajr isem li tizbokka f'Annibale Preca Street, Hal Lija, u **l-arja sovrastanti** t-terran adjacenti ghaliha tal-kejl ta' circa mija u hamsin metru kwadru;

19. **Nofs indiviz (1/2) tal-*garage*** fil-livell ta' *basement* formanti parti minn Blokk "C", liema *garage* jigi l-ewwel wiehed fuq ix-xellug hekk kif wiehed jidhol mid-*drive-in*/rampa minn fejn hu accessibbbli, liema *drive-in*, maghrufha bl-ittra "C", tizbokka fi Drive A1, li da parti taghha tizbokka fi triq gdida minghajr isem li tizbokka fi Triq Annibale Preca, Hal Lija, kif soggett ghas-servitu' ta' katusi tad-*drains* u drenagg, u kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu relattiv.

Rat id-digriet tal-1 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-15 ta' Marzu 2016; irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju utlerjuri, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Orlando Attard u Deborah Mifsud Attard datata 14 ta' Marzu 2016 a fol 82 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Alex Schembri u Dr John Vassallo ghall-intimati ahwa Attard prezenti. Dr Deborah Mifsud Attard tat ruhha notifikat bir-rikors. Deher Dr Kevin Azzopardi bhala stralcjarju tas-

socjeta` Chef Xpress Ltd. Dr Schembri prezenta nota fejn ceda r-rikors fil-konfront ta' din is-socjeta`. Xehdu bil-gurament taghhom Dr Deborah Mifsud Attard u Joseph Fenech Soler, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Schembri inghata jumejn zmien biex jipprezenta l-abbozz tan-nota kif mitlub bl-artikolu 874 (2) tal-Kap 12. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat in-nota ta' cessjoni tar-rikorrent *proprio et nomine* datata l-15 ta' Marzu 2016 fejn ceda il-mandat limitatament u fil-konfront tas-socjeta' Chef Xpress Limited sabiex jirregola ruhu ahjar, filwaqt li zamm ferm it-talbiet fil-konfront tal-intimati l-ohra.

Rat in-nota tal-istess rikorrent *proprio et nomine* tal-istess data fejn esebixxa abbozz shih ta' nota ta' iskrizzjoni biex tigi registrata fir-Registru Pubbliku skont l-artikolu 874(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kif hekk ordnat minn din il-qorti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Ir-rikorrent adixxa lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimati ahwa Attard milli jiddisponu minn ishma li jippossjedu

f'diversi beni immobbiljari sabiex jikkawtela kreditu pretiz ta' €146,768.45 naxxenti minn sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet *Joseph Fenech Soler pro et noe v Chef Xpress Limited (C48810) (Rik.Gur. 1231/2012)* datata il-31 ta' Jannar 2013, oltre imghaxijiet ulterjuri fuq is-somma ta' €110,000 dekorribbli mis-27 ta' Frar 2016 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjez gudizzjarji tal-provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *Joseph Fenech Soler proprio et noe v Chef Xpress Limited (C48810) (Cit Nru 1065/2014)* tal-20 ta' Novembru 2015, u l-ispejjez gudizzjarji relatati mall-istralc tal-kumpannija msemmija, liema proceduri ghadhom ghaddejjin, **liema somma qed jintalab il-hlas taghha mir-rikorrent *proprio et nomine* minghand l-intimati *in solidum* bejniethom <u>jew min minnhom</u>. (**Enfasi tar-rikorrent).

Illi ir-rikorrent iddeduca t-talbiet tieghu b'rikors guramentat kontra l-imsemmija kumpannija u kontra l-intimati ahwa Attard, dawn ta' l-ahhar huma l-unici azzjonisti u kienu Diretturi tal-kumpannija filwaqt li l-intimata Dr Deborah Mifsud Attard kienet wkoll is-segretarja tal-kumpannija.

Il-fatti kif johorgu mir-rikors promotur huma fil-qosor is-segwenti. Permezz ta' skrittura tat-23 ta' Frar 2010, ir-rikorrent *proprio et nomine* biegh u ttrasferixxa negozju fi Triq Troughbridge, Albertown, Marsa, inkluz ghodod, makkinarju, ingenji u oggetti ohra, lill-kumpanija Chef Xpress Limited ghall-prezz bonarjament miftiehem ta'

€190,000 li minnu thallset is-somma ta ' €15,000 qabel l-iffirmar tal-iskrittura, u €65,000 mal-iffirmar stess. Dan l-ahhar pagament insteraq waqt *hold up* dakinhar stess, liema kaz ghadu mhux solvut. Il-bilanc rimanenti kellu jithallas mill-kumpannija fi tlett skadenzi kif stipulat, l-ahhar pagament mhux aktar tard mit-23 ta' Frar 2013. Billi baqa' ma thallasx, ir-rikorrent gie kanonizzat kreditur kontra l-kumpannija b'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-31 ta' Marzu 2013. Sallum ir-rikorrent ma rnexxielux jigbor il-hlas dovut minnkejja li ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru opportun. Eventwalment il-kumpannija Chef Xpress Limited giet mqeghda fi stralc *ai termini* tal-**artikoli 214(2)(a)(ii) u 214(5)(a) tal-Kapitolu 386** tal-Ligijiet ta' Malta u gie ordnat ix-xoljiment taghha b'effett mill-**15 ta' Novembru 2014** skont **l-artikolu 223 (1**) tal-istess **Kap. 386** tal-Ligijiet ta' Malta. Il-process tal-istralc ghadu ghaddej.

Madanakollu l-azzjoni odjerna hija diretta mhux biss lejn il-kumpannija, li hija d-debitrici, imma lejn l-ahwa Attard li huma azzjonisti u li kienu ufficjali tal-kumpannija. Ir-rikorrent jibni t-talba tieghu kontra l-intimati personalment fuq **fit-termini tal-artikolu 315 tal-Kap 386** tal-Ligijiet ta' Malta billi jsostni li l-intimati jew min minnhom komplew imexxu l-kumpannija bi frodi ghad-drittijiet tieghu u b'hekk huma responsabbli lejh minghajr l-ebda limitazzjoni. Kopja tar-rikors guramentat huwa esebit in atti bhala **Dok JFS6.**

Skont ir-rikorrent, dan l-agir jikkonsisti *inter alia* billi ddisponew mill-assi tal-kumpannija, oggett tal-bejgh, favur terzi minnkejja l-privilegg li kellu fuq l-istess, kif ukoll naqqsu milli jhallsu d-djun, waqqfu li jiggestixxu n-negozju trasferit u addirittura hallew lill-kumpannija fi stat ta' falliment.

Illi l-intimati opponew ghat-talba billi qabel xejn issollevaw in-nullita' tar-rikors billi ma giex adit ir-Ricevitur Ufficjali bhala legittimu kontradittur. Fil-mertu cahdu l-allegazzjoni ta' qerq billi mhux minnu li huma ddisponew mid-diversi ghodod, makkinarju, ingenji u oggetti ohra akkwistati mill-kumpannija.

**Nullita' tar-Rikors odjern.**

Illi r-rikorrent ceda l-mandat fil-konfront tal-kumpannija Chef Xpress Limited b'nota in atti u ghalhekk din l-eccezzjoni hija sorvolata. Din il-Qorti ghaldaqstant mhix ser tiehu aktar konjizzjoni taghha.

**Dritt**

Huwa evidenti – mhux biss mill-impostazzjoni tat-talba izda ukoll mill-formola adoperata biex tipprezenta r-rikors – illi r-rikorrent qed jitlob il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni abbazi tal-**Art 874(1) tal-Kap 12** li jaqra hekk:

"*Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex izomm lid-debitur milli jbiegh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjeta` li tigi indikata fir-rikors b'titolu oneruz jew gratuwitu jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u, jew personali; izda dak il-mandat ma jghoddx ghall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjeta li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat (**Art.873 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta).** Madanakollu skont **l-artikolu 874** applikabbli ghall-kaz in ezami, il-kriterju tal-pregudizzju rreparabbli (it-tieni element rikjest *ai termini* tal-artikolu 837 tal-Kap.12) mhuwiex rekwizit ghall-hrug tal-mandat.

Ir-rikorrent ghalhekk ghandu juri biss li jkun jidher li ghandu *'prima facie'* dawk il-jeddijiet.[1] Ir-rwol ta` din il-Qorti fi procediment specjali bhal dak tal-lum huwa limitat f`li tistabbilixxi jekk ir-rikorrenti ghandux inkella le jedd *prima facie* kontra l-intimati. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-

[1]Ara f'dan is-sens **"*Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut*** " P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza "***Grech pro et noe vs Manfre*"** ir-rekwizit tal-jedd 'prima facie' huwa oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant; jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.

Hu pacifiku wkoll li meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Applikati dawn il-principji jirrizulta mill-atti esebiti li r-rikorrent *proprio et nomine* kellu relazzjoni giuridika mas-socjeta' kummercjali Chef Xpress Limited li baqghet ma ssaldatx id-dejn dovut. Mhux biss, imma din il-kumpanija

giet xolta billi l-Qorti ddeterminat li ma kienitx aktar f'qaghda li thallas id-djun taghha u gie nominat stralcjarju.

Illi l-kreditu tar-rikorrent johrog minn skrittura ta' cessjoni ta' dritt ta' kiri, kif ukoll bejgh ta' ghodda, makkinarju u ingenji relatati man-negozju u mal-prodott Chef Xpress inkluzi kuntratti ma' terzi. Mhux ikkontestat li r-rikorrent huwa kreditur privileggjat fuq l-oggetti mibjugha ghall-prezz taghhom u lanqas mhu kkontestat il-bilanc pretiz f'dan il-mandat.

Illi fir-rikors promotur quddiem din il-qorti kif diversament presjeduta (Dok JFS6), ir-rikorrenti jirrileva s-segwenti kronologija:

1. 23 ta' Frar 2010 - Ftehim ta' bejgh;
2. 23 ta' Frar 2013 - L-ahhar skadenza miftehma ghall-hlas tal-bilanc fuq il-prezz kellu jsir fit-23;
3. 31 ta' Frar 2013 - Sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (PA-JRM) fejn gie kanonizzat kreditur tal-kumpannija fuq ammissjoni registrata minn Deborah Mifsud Attard bhala Direttur tal-kumpannija;
4. 1 ta' Marzu 2013 - hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kontra l-kumpannija (Numru 312/2013);
5. 26 ta' Gunju 2013 - l-intimati ahwa Attard irrizenjaw mill-kariga taghhom u baqa' wahdu id-defunt Anthony Attard bhala direttur u segretarju. Anthony Attard miet ftit granet wara fit-23 ta' Lulju 2013;

6. Jghid li fil-mori ta' dawn il-fatti *"sar jaf"* li l-kumpannija *tramite* t-tlett diretturi taghha (missier l-intimati miet ftit wara) iddisponiet mill-oggetti mibjugha u b'hekk waqqfet l-operat taghha;

7. 30 ta' Novembru 2015 - sentenza fejn gie ordnat ix-xoljiment tal-kumpannija b'effett mill-25 ta' Novembru 2014.

Illi kif gja premess, jibbasta ghas-success ta' din il-procedura li r-rikorrent juri li ghandu *prima facie* dritt kontra l-intimati. Fil-kaz odjern, ir-rikorrent qed jirreklama l-kreditu tieghu kontra l-intimati billi jwarrab ir-resposabbilita' limitata tal-*corporate veil* minhabba allegazzjoni ta' agir frawdolenti b'dannu u pregiudizzju ghad-drittijiet tieghu.

Ikkonsidrat li l-kumpannija setghet tkompli topera bl-uzu tal-makkinarju u oggetti mibjugha u mhux imhallsa. Isegwi li t-trasferiment ta' dawn l-oggetti igib fix-xejn l-operat tal-kumpannija. Mhux biss, imma jekk il-makkinarju u oggetti li kienu fihom infushom il-garanzija tal-kreditur b'effett tal-privilegg li ttih il-ligi ghall-prezz mhux imhallas tnehhew tispicca fix-xejn il-privilegg tal-kreditur.

Ikkonsidrat ukoll li l-proceduri ta' stralc ghadhom pendenti u ma gie esebit l-ebda dokument jew rapport, imqar wiehed preliminari, mill-istralcjarju dwar l-assi rimanenti tal-kumpannija. Madanakollu din il-Qorti tifhem li rinfaccjati b'akkuza daqshekk serja ta' frodi, huwa fl-interess maggur tal-intimati li juru li l-ghodda, makkinarju u oggetti, in fatti ma nbieghux u ma gewx trasferiti, imma kienu baqghu fil-

kustodja u poter tal-kumpannija. Ghalkemm l-intimata xehdet li dawn l-ghodod ghadhom fil-pussess tal-kumannija, ma ingabet l-ebda prova biex ixxejjen, mqar mad-daqqa t'ghajn, l-allegazzjoni tar-rikorrent jew indikat bi precizjoni fejn jinsabu.

Il-qorti ma tistax tinjora l-isfond fattwali tal-kaz u senjatament li kienet l-intimata li ammettiet it-talba tal-kreditur kif ukoll li z-zewg intimati ddimettew mill-funzjonijiet taghhom fil-kumpannija ftit gimghat biss qabel ma miet l-ahhar direttur ben konsapevoli li l-kumpannija kienet ikkundannata thallas id-dejn dovut lir-rikorrent.

Huwa minnu li l-amministratur ghadu qed jespleta l-inkarigu tieghu izda l-informazzjoni abbazi tat-talbiet tar-rikorrent tinsab a disposizzjoni tal-intimati li ghazlu li jkunu vagi fuq din il-kwistjoni.

L-intimati ssottomettew li l-kumpannija hallset akkont komplessiv ta' €85,000 fuq il-prezz tal-akkwist u dan tabilfors jimmilita kontra l-akkuza ta' frodi. Izda l-Qorti tinnota li din is-somma thallset in parti qabel ma gie ffirmat il-ftehim u €65,000 mal-iffirmar. Ma hemmx allegazzjoni ta' frodi fin-negozju tal-bejgh fih innifsu, imma frodi fl-agir tal-intimati li kienu involuti fil-gestjoni tal-kumpannija wara li sehh il-ftehim. Ghalhekk dan l-argument ma jreggix almenu f'dan l-istadju sommarju tal-proceduri.

Illi ghalhekk jezistu l-elementi sabiex it-talba odjerna tigi milqugha.

## III. DECIDE

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, u semghet it-trattazzjoni, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba u tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimati kif dedotta.

L-ispejjez jigu sopportati mill-intimati.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Marzu 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Marzu 2016**